**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 25 TA' OTTUBRU, 2001

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 449/01 JB**

**Patrick Pace ezercjenti l-kummerc f' isem Roberta Caffe'**

**vs**

**Martin Cilia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija tnejn u disghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm392.53c), dovuta bhala bilanc minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu fuq ordni tieghu stess.

Peress li l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas anke permezz ta' ittra ufficjali tal- 4 ta' Gunju 2001.

L-attur ghalhekk talab il-hlas ta' tlett mija tnejn u disghin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm392.53c) bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Gunju 2001 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil l-attur  jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**